MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Stqarrija għall-Istampa

## Avviż Pubbliku dwar Nemea Bank plc

Fis-27 ta' April 2016, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("l-Awtorità") ippubblikat Avviż Pubbliku dwar Nemea Bank plc ("il-Bank") li permezz tiegħu l-Awtorità infurmat lill-pubbliku li b'mod li tassigura l-ħarsien xieraq tad-depożitanti u tal-klijenti l-oħra tal-Bank, l-Awtorità kienet qed taħtar lil PricewaterhouseCoopers Malta ("PwC") bħala persuna kompetenti f'termini tal-Artikolu 29 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u Artikolu 15 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

Fit-termini tal-istess Direttiva, il-Persuna Kompetenti ingħatat struzzjonijiet biex [i] tieħu responsabbiltà tal-assi tal-Bank għall-iskop li tipproteġi l-interessi tad-depożitanti u l-klijenti l-oħra tiegħu; u [ii] li tassumi l-kontroll tan-negozju tal-Bank u tmexxi dak in-negozju kif ukoll kwalunwke funzjonijiet oħra kif mitlub mill-MFSA.

Dawn il-miżuri prekawzjonali ttieħdu fid-dawl ta' nuqqasijiet regolatorji li kienu identifikati fil-Bank u kellhom jibqgħu f'posthom sakemm l-MFSA tagħti direttiva differenti.

B'Avviż ulterjuri maħruġ fl-istess ġurnata, l-Awtorità infurmat li l-limitu ta' ġbid ta' flus mill-kontijiet ta' depożitu min-Nemea Bank ġie stipulat fil-livell ta' €250 għal kull depożitant kuljum.

Permezz ta' Avviż Pubbliku ieħor ippubblikat fit-18 ta' Lulju 2016, l-Awtorità avżat li kienet iddeċidiet li tgħolli l-limitu ta' ġbid ta' depożitu minn €250 għal €2,500 kull depożitant kuljum. Din ir-reviżjoni kienet suġġetta għal kundizzjoni li l-maturitajiet preżenti tad-depożiti jinżammu u li l-ebda depożiti b'termini fiss jitħallew jinġibdu qabel id-dati stipulati tal-maturità tagħhom.

L-Awtorità kkonfermat ukoll li kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-azzjonisti tal-Bank bl-għan li jkun assigurat li l-azzjoni neċessarja tkun meħuda biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet regolatorji.

Minkejja t-talbiet ripetuti, sal-lum ebda progress tanġibbli ma ġie reġistrat biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti regolatorji. Billi din is-sitwazzjoni ma tistax tiġi sostnuta b'mod indefinit mingħajr detriment lid-depożitanti, l-Awtorità issa ddeċidiet li tipproponi lill-BĊE l-irtirar tal-liċenzja mogħtija lill-Bank taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap 371. Din il-miżura ttieħdet mill-Awtorità fl-interess tad-depożitanti tal-Bank.

Sakemm tingħata d-deċiżjoni finali tal-BĊE dwar l-irtirar tal-liċenzja, qed titpoġġa b'effett immedjat projbizzjoni fuq l-irtirar ta' depożiti bħala miżura ta' prekawzjoni biex jiġu salvagwardjati l-assi tal-Bank u biex ikun assigurat trattament ugwali tad-depożitanti. Aktar minn hekk, il-Persuna Kompetenti se tibqa' fil-kariga sakemm jinħareġ avviż ulterjuri.

Dan l-avviż jibqa' validu sakemm l-MFSA tikkomunika informazzjoni ulterjuri.

Aktar informazzjoni tita' tinkiseb mill-paġna elettronika tal-Awtorità www.mfsa.com.mt li tinkludi numru ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet.

Kull komunikazzjoni marbuta mal-Bank għandha tkun indirizzata lill-Bank fuq 25708100 jew lill-Awtorità fuq Freephone 80074924.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Stqarrija għall-Istampa: 02-2017**
**20 ta' Jannar 2017**